ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 06/12**
***Kontinwazzjoni tas-Seduta tal-15 ta' Mejju 2012***
***Kienet addottata Aġenda nru. 04/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 29 ta' Mejju 2012**

**Ħin: Fis-6.00 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li Act Europe Ltd għaddew lill-Kunsill donazzjoni ta' €200 bħala rikonoxximent għall-koperazzjoni li sabu mill-Kunsill.

Komunikat ta' Dr Angele Formosa dwar is-sentenza tal-kawża fl-appell Anthony Mercieca vs Kunsill Lokali iż-Żebbuġ. Il-Kunsill qabel li ma jappellax għal din is-sentenza.

## 7. <u>DEKASTERI</u>

Kien miftiehem li d-dekasteri jkunu assenjati lill-Kunsilliera skont it-tabella:

Is-Sindku Nicky Saliba – Finanzi, Indafa pubblika, Ambjent, Fondi Speċjali, Inizjattivi u riformi fil-komunita', Proġetti ġenerali u ta' Infrastruttura.

Il-Viċi Sindku Mario Cassar – Aspett soċjali u edukattiv, Kultura, Storja, Żgħażagħ, Sport u Promozzjoni tal-lokalita'.

Il-Kunsilliera Maria Saliba – Marsalforn

Il-Kunsillier Victor Refalo – Turiżmu u Servizzi bażiċi fil-komunita' (Korporazzjoni Enemalta u Servizzi tal-ilma, Transport Malta u oħrajn).

Il-Kunsillier Joseph Camilleri – Anzjani, Saħħa u Sigurta' (Protezzjoni taċ-ċittadin).

## 8. IS-SERVIZZ TAL-I*SKIPS ON WHEELS*

Il-Kunsill approva li jsir *wireless link* bejn l-uffiċini tal-Kunsill Lokali u s-sistema tas-CCTV biex l-i*skips* ikunu sorveljata b' mod aħjar.

## 10. RAPPORT DWAR IL-*PLAYING FIELD* TAŻ-ŻEBBUĠ

Il-Kunsill iddiskuta r-Rapport maħruġ mill-Malta Competition & Consumer Affairs Authority dwar il-*playing field* taż-Żebbuġ. Il-Kunsill ser jaħdem biex fejn hu possibbli jirrimedja għan-nuqqasijiet imsemmija fir-rapport.

Il-Kunsill ftiehem li jitlob lill-kuntrattur tal-*playing field* stima biex jinżebgħu ċ-ċnut, jitnaddaf il-madum mill-ħaxix u jingħata s-*sealer* lill-*bricks*.

Il-Kunsill approva x-xiri ta' *tool box* u *fire extinguisher* għall-uffiċini tal-Kunsill.

Gie deċiż li jinġabru kwotazzjonijiet biex jinqalgħu s-siġar tal-Oleander u jitnaddaf mill-ħaxix faċċata tal-*playing field*.

## 11. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI

PROVVISTA U ĠARR TA' *GROUND RECESSED LUMINARIES*

Il-Kunsill qabel li jagħmel sejħa għall-offerti biex issir il-bankina tal-każin tas-Soċjeta' Filarmonika Sta Marija.

Il-Kunsill approva stima ta' Richard Axiaq €620 biex iwaqqa' blata minn fuq l-għerien tax-Xwejni u jinbena ħajt maġenb l-istess għerien u t-traqqiegħ ta' Triq Panoramic (il-konkos għall-Kunsill).

## 12. SIGURTA' FIR-RAĦAL

Il-Kunsillier Camilleri qal talab biex issir laqgħa għar-residenti fid-dawl li ma ssolva l-ebda każ u l-fatt li xi residenti kienu avviċinawh u staqsewh bħala Kunsill x' qed isir dwar is-sitwazzjoni.

## 13. ILMENTI

Ilment 16/2012 – John Zammit
Talab biex jinqala' bank minn ġo propjeta' privata quddiem ir-residenza 'St Mary' fi Triq iċ-Ċnus. Il-Kunsill iddeċieda li Zammit jaqla' dan il-bank u jġibu l-Kunsill.

Ilment 19/2012 – Maria Camilleri
Isir *patching* fi Triq il-Ponta faċċata tar-residenza nru. 45. Il-Kunsill ftiehem li l-Perit jintalab joħroġ stima biex isir *patching* tar-raħal kollu.

Ilment 21/2012 – Toni Buttigieg
Titwitta' t-triq ta' Wied l-Abjad. Tintalab stima tax-xogħol lil Richard Axiaq.

Ilment 22/2012 – Wigi Dimech
Tinbidel mera tat-traffiku mqaxxra fi Triq Ġoma faċċata ta' Triq Sant' Indrija. Il-Kunsill approva t-twaħħil ta' mera ġdida.

Ilment 23/2012 – Karistu Saliba
Jinqata' l-ħaxix u l-qasab mit-Triq Ta' Milied. Ix-xogħol isir mill-ħaddiem tal-Kunsill.

Ilment 24/2012 – Toni Cini
Titbaxxa r-rampa tal-garaxx tar-residenza 'St Anthony' fi Triq il-Mitħna. Il-Kunsill approva x-xogħol; jagħmel ix-xogħol Anglu Cini.

Ilment 25/2012 – Lorraine Curmi
Jitnaddaf il-*water culvert* ta' quddiem ir-residenza 'Blessed Mother' fi Triq Għajn Mhelhel. Ix-xogħol approvat li jsir minn Joe Cefai.

Ilment 26/2012 – Victor Cini
Tinbidel mera tat-traffiku miksura quddiem Belsito Crt fi Triq Għajn Mhelhel. Il-Kunsill approva li tinbidel din il-mera u l-mera tat-tarf ta' Triq Għajn Mhelhel (qabel taqbad it-triq lejn ix-Xwejni).

## 14. AFFARIJIET OĦRA

Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li l-*parking* fi Pjazza l-Assunta jkun maniġġjat b' mod aħjar. Ġie deċiż li ssir *site visit* mill-Perit.

Il-Kunsill unanimament qabel:

- il-ħinijiet tal-uffiċċju jkunu fix-xitwa mit-8.00 ta' filgħodu sal-4.45 ta' filgħaxija u fis-sajf mit-8.00 ta' filgħodu sas-2.00 ta' wara nofsinhar.
- li jagħmel sejħa pubblika għall-offerti għall-kuntratt tal-qtugħ ta' ħaxix u tindif ta' toroq mhux urbana.

Il-Kunsillier Camilleri staqsa lis-Segretarja Eżekuttiva jekk l-eks Sindku Carmelo Saliba kienx irritorna l-*mobile phone* tal-Kunsill. Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet li kien għadu ma rritornahx.

## 15. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.15 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna *sine die*.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |